11 ta' Frar 2016

# REGISTRAZZJONI TA' STUDENTI F'KINDERGARTEN TA' ST. FRANCIS FL-EWWEL SENA KINDERGARTEN

F'Novembru 2015 saru l-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja. Issa rriżulta li għandna aktar applikazzjonijiet tal-aħwa għal xi skejjel ta' St Francis milli għandna postijiet. Għall-Kindergarten ta' St. Francis Santa Luċija għandna applikazzjoni waħda aktar tas-subien, u għall-Kindergarten ta' St Francis B'Kara għandna ħames applikazzjonijiet aktar tas-subien u erbgħa applikazzjonijiet aktar tal-bniet.

Sabiex tissolva din il-problema qed norganizzaw laqgħa għalikom il-ġenituri tas-subien li applikajtu għall-Kindergarten ta' St Francis Santa Luċija u l-ġenituri tas-subien u l-bniet li applikajtu għall-Kindergarten ta' St Francis B'Kara. F'din il-laqgħa jsiru poloz separati skont dan il-programm.

L-ewwel nibdew bil-polza tal-aħwa bniet li għandhom ħuthom jattendu B'Kara. Wara li jieħdu posthom f'B'Kara l-ewwel sitta, issir it-tieni polza li tinkludi lil dawk li ma jkunux ħadu post B'Kara u lil dawk li għandhom ħuthom jattendu skola oħra ta' St Francis. Skont ir-riżultat tal-polza dawn ikunu jistgħu jagħżlu waħda minn dawn l-iskejjel:

Il-postijiet vakanti li tistgħu tagħżlu minnhom huma:

| SKOLA | LOKALITÀ | POSTIJIET BNIET |
|---|---|---|
| St. Francis | Birkirkara | 0 |
| St. Francis | Luqa | 7 |
| St. Francis | San Ġwann | 5 |
| St. Francis | San Pawl il-Bahar | 5 |
| St. Francis | Santa Luċija | 0 |
| St. Francis | Siġġiewi | 8 |

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Wara nkomplu bil-polza tal-aħwa subien li għandhom ħuthom jattendu B'Kara u jieħdu posthom l-ewwel tmienja.

Wara nkomplu bil-polza tas-subien li jixtiequ jattendu Santa Luċija u jieħdu posthom l-ewwel sebgħa.

Fl-aħħar nikkonkludu bil-polza tas-subien li ma sabux post la B'Kara u lanqas Santa Luċija. Skont ir-riżultat tal-polza dawn ikunu jistgħu jagħżlu waħda minn dawn l-iskejjel:

| SKOLA | LOKALITÀ | POSTIJIET SUBIEN |
|---|---|---|
| St. Francis | Birkirkara | 0 |
| St. Francis | Luqa | 2 |
| St. Francis | San Ġwann | 0 |
| St. Francis | San Pawl il-Bahar | 2 |
| St. Francis | Santa Luċija | 0 |
| St. Francis | Siġġiewi | 4 |

**Din il-laqgħa ser issir il-Kurja tal-Arċisqof il-Floriana nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar u tibda fit-3.00 ta' wara nofsinhar.**

Dawk li applikaw bil-kriterju tal-impjegati jiġu nfurmati bil-postijiet li jkun baqa' wara dan il-proċess. Huma jkunu jistgħu jagħżlu post minn dawk li jkun fadal.

Il-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**